*Ikompli minn paġna 1*



### *Ġenituri Żgħażagħ li jridu appoġġ sħiħ fil-missjoni tat-Trobbija*

Il-ġrajja tal-Milied tgħodd ukoll għaż-żgħażagħ li jistgħu jaraw lilhom infushom fil-ġrajja ta' Marija u Ġużeppi. Fit-talba tal-Vespri u t-Te Deum tal-31 ta' Diċembru 2016, il-Papa Franġisku għamel riflessjoni fuq l-uċuħ mimlija tama u xewqat tal-koppja żagħżugħa minn Nażaret li quddiemhom xejn ma kellhom biċċa xogħol faċli: dik li jrabbu lil Ġesù Bambin. Il-Papa jgħid li ma nistgħux nitkellmu dwar il-futur mingħajr ma nħarsu lejn dawn l-uċuħ żgħażagħ u nerfgħu r-responsabbiltà li għandna lejnhom. F'ċerti soċjetajiet, iż-żgħażagħ huma mwarrba, ix-xogħol għalihom huwa diffiċli u qed jiġu kkundannati jħabbtu fuq bibien li għalihom qed jibqgħu dejjem magħluqa, bħalma ġralhom Ġużeppi u Marija meta fittxew post fil-lukanda. Fil-lukanda, ma kienx hemm post għall-ħajja, għall-ġejjieni. Ejjew għalhekk naraw li noħolqu ambjent fejn iż-żgħażagħ tagħna jistgħu jitkellmu u jiġu mismugħa, fejn ikunu kreattivi u fejn ikunu jistgħu jiżviluppaw il-kapaċitajiet tagħhom.

### *Napprezzaw lill-Anzjani li jkabbruna fl-esperjenza tal-ħajja u fil-fidi*

Il-Milied huwa wkoll tal-anzjani, dawk li jaraw fil-bogħod bħalma għamel Xmun fit-tempju meta Ġuzeppi u Marija marru jippreżentaw liċ-ċkejken Ġesù u dawk li jistennew bħall-profetessa Anna li ma ċċaqalqitx mit-tempju sa ma rat b'għajnejha lill-Messija. Kemm għandhom x'jgħallmuna mhux biss mill-esperjenza tal-ħajja tagħhom imma wkoll mill-fidi li rawmu fihom matul is-snin. Ma nistgħux ninsew lill-anzjani f'dan iż-żmien tal-Milied u apparti li nippruvaw inferrħuhom kemm nistgħu, għax l-anzjanità mhix żmien faċli, tajjeb inżommu f'moħħna wkoll il-bżonnijiet tagħhom b'mod speċjali jekk nistednuhom għall-ikel f'dan iż-żmien. Ma jkunux jixtiequ jħassrulna festi imma tajjeb li nħallulhom l-ispazju tagħhom għall-mistrieħ xieraq.

It-tarbija ta' Betlehem ma tħalli lil ħadd barra. Kulma rridu nagħmlu hu li nieqfu nħarsu lejha u nħalluha ssaħħan lill-qlubna. Għandna bżonn inħossu fina l-imħabba ta' Alla, li ma ddejjaqx isir bniedem għalina biex lilna jagħmilna bħalu u biex bl-għajnuna tiegħu, insiru ħabbara tas-saltna tiegħu fuq din l-art.





**PARROĊĊA TA' ĦAL SAFI**

# KONVERŻJONI TA' SAN PAWL

**Tel: 21 649 223**



*Messaġġ tal-Kappillan*

## SAR BNIEDEM, SAR TARBIJA BIEX JIĠBED IL-QLUB TAGĦNA ...

### *It-Tfal li jisirqu x-Xena*

Xi drabi nkun f'okkażjonijiet fejn il-preżenza tat-tfal tkun tinħass b'mod partikolari, bħal meta waqt xi quddiesa, xi tifel jew tifla jiżgiċċaw lil ommhom u jispiċċaw jiġru madwar il-knisja, jekk mhux ukoll jittantaw jitilgħu fuq l-artal. Jew meta jkun qed jitkanta xi innu u xi tifel jew tifla, bl-innoċenza tagħhom, jipparteċipaw kif jafu huma. Ir-reazzjonijiet ikunu diversi: min iħares bl-ikrah għax imġieba bħal din tiġi interpretata bħala nuqqas ta' dixxiplina min-naħa tal-ġenituri; min jonfoħ għax dawn it-tfal ikunu qed itellfuh l-attenzjoni, u min jiggustahom u jitbissem, għax fihom jara l-innoċenza u s-sbuħija tat-tfulija. Reazzjonijiet bħal dawn iġiegħluni naħseb fuq iċ-ċkejken Ġesù, li żgur li bħala tarbija kellu bżonn lil Marija u lil Ġużeppi biex jieħdu ħsiebu, biex jaħsbu għalih, biex jipproteġuh u biex jgħinuh jikber, hu li bħala bniedem, fl-ewwel snin tiegħu fostna kien jiddependi għal kollox minnhom. Min jaf b'liema mħabba kienu jħobbu lil Ġesù!

### *It-Tfal li jridu l-Ħin u l-Preżenza Sinċiera u mhux Rigali u Fsied*

Hija ħasra li wħud mit-tfal tagħna ma jafux x'inhi l-imħabba delikata ta' omm u missier imma huma tfal li jridu jikbru waħedhom, li jitgħallmu jiftħu l-bieb tad-dar u jqattgħu ħin twil waħedhom minn età ċkejkna. Għandna tfal li minkejja li spiss jisimgħu kliem bħal 'ħanini' u 'qalbi', ma jafux xi tfisser tkun apprezzat u maħbub, ma jafux xi tfisser li tikber fl-għożża. U hawn nistaqsi: Kif qed inħarsu lejn it-tfal tagħna? Qed nagħtuhom kollox biex imbagħad inħalluhom neqsin mill-iktar affarijiet essenzjali, bħall-ħin tagħna, bħal li nidħku daħka flimkien?

It-twelid ta' Ġesù Bambin m'għandux ikun biss biex inħarsu lejn Bambin tal-ġibs, tat-tafal, jew tax-xemgħa, imma jrid iqanqalna ħalli nħarsu lejn tant tfal tad-demm u l-laħam, u nħalluhom ikunu fiċ-ċentru tal-ħsieb tagħna.

Tajjeb li fi żmien il-Milied ngħinu lit-tfal iduqu l-ħlewwa tal-ġrajja ta' Betlehem, inkantaw magħhom xi għanja li forsi jkunu qed jitgħallmu l-iskola jew waqt il-katekiżmu, ngħallmuhom juru apprezzament, imqar b'kartolina, lejn min ikun qrib tagħhom bħall-għalliema u l-katekisti, noħduhom jaraw xi presepju filwaqt li nfakkruhom li fid-dinja hawn tfal bħalhom li ma jistgħux jiċċelebraw il-Milied. B'hekk, filwaqt li ngħinuhom jifirħu, ngħallmuhom ukoll jaħsbu f'dawk ta' madwarhom.

*Ikompli f'paġna 4*

Il-Ħadd 2 ta' Diċembru — **L-Ewwel Ħadd tal-Avvent**
Fid-9:00am - Quddiesa li fiha jsir it-Tberik tal-Girlanda li ser tgħinna biex nippreparaw ruħna għall-Miġja ta' Ġesù.

Il-Ħamis 6 ta' Diċembru — ***Kunċert bl-Orgni fil-Knisja Parrokkjali***
Mis-7:15pm sat-8:30pm
- Kunċert mill-Organista Sqalli, Marco D'Avola, bħala parti mill-*Malta International Organ Festival*.

Il-Ġimgħa 7 ta' Diċembru — **L-Ewwel Ġimgħa tax-xahar**
Filgħodu - Tqarbin tal-Morda fi djarhom
Fis-6:30pm - Quddiesa
Fis-7:00pm - Adorazzjoni

Is-Sibt 8 ta' Diċembru — **Solennità tal-Immakulata Kunċizzjoni**
*Il-ħin tal-Quddies ikun bħal dak ta' matul il-ġimgħa.*

Il-Ħadd 9 ta' Diċembru — **It-Tieni Ħadd tal-Avvent**
Fl-10:30am - Quddiesa bis-Sagrament tal-Magħmudija.

Is-Sibt 15 ta' Diċembru — **Tibda n-Novena tal-Milied**
Matul in-Novena, r-Rużarju jibda fis-6:00pm u wara jkollna ħsieb tan-novena u l-Barka Sagramentali.
*F'dawn il-jiem inqiegħdu xi qfief biex fihom niġbru affarijiet għal persuni fil-bżonn u istituti.*

Il-Ħadd 16 ta' Diċembru — **It-Tielet Ħadd tal-Avvent**

Is-Sibt 22 ta' Diċembru — Fil-5:00pm - Qrar bi preparazzjoni għall-Milied.

Il-Ħadd 23 ta' Diċembru — **Ir-Raba' Ħadd tal-Avvent**
Fid-9:00am - Il-Quddiesa tkun bit-tberik tal-Bambini.
*Inħeġġu lit-tfal kollha biex jiġu u magħhom jaraw li jġibu xi Bambin jew Presepju.*








It-Tnejn 24 ta' Diċembru — **Lejliet il-Milied**
Fil-5:00pm - Qrar
Fis-6:00pm - Tibda il-Purċissjoni tradizzjonali tal-Bambin organizzata mill-membri tal-MUSEUM.
Fis-6:30pm - Quddiesa tal-Vġili tal-Milied
Fil-11:00pm - Pageant u Kant tal-Milied
Fil-11:45pm - Purċissjoni bix-xbieha ta' **Ġesù Bambin** li titqiegħed fuq l-altar għall-qima tagħna. u Priedka tat-Tifel.



It-Tlieta 25 ta' Diċembru — **Solennità tat-Twelid ta' Sidna Ġesù Kristu**
F'12:00am - Quddiesa Solenni tal-Lejl tal-Milied
Fis-6:45am - Quddiesa
Fid-9:00am - Quddiesa
Fl-10:30am - Quddiesa
Fil-5:30pm - Quddiesa

Il-Ħadd 30 ta' Diċembru — **Festa tas-Sagra Familja**
Fis-6:45am - Quddiesa
Fid-9:00am - Quddiesa
Fl-10:30am - Quddiesa bis-Sagrament tal-Magħmudija.
Fil-5:30pm - Quddiesa

It-Tnejn 31 ta' Diċembru — **L-Aħħar tas-Sena**
Fis-6:00pm - Rużarju
Fis-6:30pm - Quddiesa bis-sehem tal-Kor *'Sine Macula'* li fiha jitkanta l-innu ta' radd il-ħajr lil Alla, it-*Te Deum*, fl-għeluq ta' din is-sena ċivili - 2018, u tintemm bil-barka Sagramentali.
*Il-Ġabra tkun għad-Dar tal-Providenza.*





***Twieldu mill-ġdid bil-Magħmudija***
Kataleya Ellul
Dashaya Brincat Berrad

---- o ----



***Ingħaqdu fiż-Żwieġ***
Christopher Degiorgio u Maria Vella

***Nitolbu għalihom!***